

L-isbaħ raqda

Xi għoxrin sena ilu kelli x-xorti nagħmel l-*Interrail*, u nista' ngħid bla tlaqliq li kienet waħda mill-isbaħ esperjenzi ta' ħajti. Flimkien ma' sieħbi Yianni, f'temp ta' xahar l-Italja hrattnieha. Il-famużi pjazez, mużewijiet, torrijiet u l-bqija, rajniehom u xbajna narawhom. Iżda hemm pittura minnhom li bqajt niftakarha aktar mill-oħrajn, avolja bilkemm ħarist lejha.

Konna nqumu kuljum f'belt differenti, nagħmlu dawra tnejn, u lejn nofsinhar konna mmorru l-istazzjon u niddeċiedu 'l fejn nerħulha, skont fejn kien ifettlilna dak il-ħin. Hekk, għall-avventura, fejn laqat laqat. Yianni kien għadu ħiereġ mis-servizz militari, u ma kellux moħħ ħafna dixxiplini u pjanijiet. Anzi. Iktar ma konna nħallu l-affarijiet jiġru għal riħhom, iktar konna nieħdu sorpriżi sbieħ, u iktar konna nieħdu gost.

Għall-ewwel għaxart ijiem ix-xorti tbissmitilna, u f'kull post konna nsibu fejn norqdu bl-irħis, f'*ostello della gioventù* jew xi lukanda ċkejka. Sakemm jum minnhom, kważi filgħaxija, inżilna Firenze. Domna xi tliet sigħat inħufu fit-toroq, u sibna l-hostels u l-lukandi kollha mimlijin sa ruħ ommhom. Kien għoddna qtajna qalbna meta dorna ma' kantuniera u sibna ruħna ġo festa tal-kwartier, b'mużika, żfin, ikel tipiku, birra kemm Alla ħalaq... M'hemmx x'tagħmel, qbilna; nibqgħu hawn nixxalaw ftit, nistennew sa filgħodu kmieni, imbagħad nerħulha lejn il-Galleria degli Uffizi ħalli nkunu minn tal-ewwel fil-kju meta jiftħu fit-8:15.

U hekk għamilna. Meta f'xi t-tlieta ta' filgħodu spiċċa kollox, konna għadna mqajmin sew. Imxejna lura lejn iċ-ċentru storiku, u għamilna l-isbaħ siegħa nduru, u fl-isbaħ ħin ukoll, billi stajna napprezzaw il-bini, il-funtani u s-sqaqien mingħajr ir-rassa tat-turisti ta' binhar. Imbagħad inżilna sal-Uffizi u dħalna fil-kju, li maż-żerniq diġà kien beda jserrep.

F'xi t-8:30 dħalna fis-sala fejn tinsab il-Venus ta' Botticelli. Kien hemm sufan tal-ġilda, iswed tuta, ftit metri quddiem il-pittura, għal min ikun jixtieq jintasab ħa jifli sew lill-alla tas-sbuħija. Poġġejna, ovsjament, kif tista' ma tpoġġix? U wara 24 siegħa ma nagħlqu għajn m'għajn, il-wens tas-sufan ħadna. Naħseb għamilna l-isbaħ kwarta qabel ma ġew iqajmuna. Imma ma stajniex ingorru. Wara li ma sibniex lukanda mġiddma, spiċċajna rqadna f'wieħed mill-iktar postijiet privileġġati f'Firenze!